MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2003

Appell Civili Numru. 1694/2000/1

**Middle Sea Insurance p.l.c. kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Aronne Camilleri, sia bil-polza u sia bil-Ligi**

**vs**

**George Mario Azzopardi**

**Il-Qorti,**

Fid-19 ta' Frar, 2002 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz fuq indikat datat it-28 ta' Dicembru tas-sena 2000 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lill-konvenut

quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:

1. Ihallas is-somma ta' tlett mija u tlieta u hamsin lira Maltin u erbgha u erbghin centezmu (LM353.44,0) in linea ta' danni kagonati fl-incident stradali li gara fl-1 ta' Jannar 1999 fil-Mosta ghal habta tal-12.30 p.m. bejn vettura numru EAN 825 misjuqa mill-konvenut u vettura numru KIM 593 misjuqa mill-assikurat tal-attur nomine u liema incident stradali gara minhabba negligenza, traskuragni, imperizja u b'nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut;

2. Bl-imghaxijiet legali minn notifika tal-ittra ufficjali tat-8 ta' Mejju 2000 u bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficcjali tat-8 ta' Mejju 2000 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata d-29 ta' Jannar tas-sena 2001 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:

1. Illi t-talbiet attrici kif dedotti fl-Avviz prezenti ghandhom jigu respinti fil-konfront ta' l-eccipjenti, stante illi l-incident de quo sehh minghajr ebda trot imputabbli lill-eccipjenti, izda sehh unikament minhabba traskuragni, negligenza, imperizja jew nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' Aronne Camilleri, kif jista' jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza;

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-incident awtomobilistiku in dizamina sehh fl-1 ta' Jannar ta' l-1999 ghall-habta tan-nofs siegha ta' wara nofs inhar fi Triq id-Dura, kantuniera ma' Triq St. Rocco, il-Mosta;

2. Illi l-vetturi involuti fl-incident de quo kienu wahda tal-marka Hyundai Accent bin-numru ta' registrazzjoni KIM-593 misjuqa mill-assigurat tas-socjeta' attrici Aaron Camilleri u l-ohra tal-marka Vauxhall bin-numru ta' registrazzjoni EAN-825 misjuqa mill-konvenut George Mario Azzopardi;

3. Illi skond ix-xhieda mismugha u l-iskizzipprezentat l-assigurat tas-socjeta' attrici nomine jidher li kien miexi fi triqtu go Triq id-Dura u meta wasal fl-inkrocju ma' Triq St. Rocco, hares lejn il-lemin u ra li ma kien hemm l-ebda vettura ohra fil-pront hu u hiereg, jara lill-vettura tal-konvenut fuq indikata gejja b'velocita' kbira;

4. Illi meta l-assigurat tas-socjeta' attrici nomine ra din l-emergenza waqaf u ghalkemm il-konvenut zamm il-"brake" xorta ma setax jevita l-kollizzjoni;

5. Illi d-danni sofferti mill-assigurat tas-socjeta' attrici nomine ghamlet tajjeb ghalihom l-istess socjeta' u ghalhekk giet intavolata din il-procedura;

6. Illi d-danni sofferti mis-socjeta' attrici nomine jammontaw komplessivament ghall-tlett mija u tlieta u hamsin Lira Maltin u erba' u erbghin centezmu, (LM353.44,0);

Ikkonsidrat:

Illi jirrizulta mill-analizi ta' l-iskizz ipprezentat li l-konvenut kien f'karreggiata li ma kienx suppost li jkun fiha stante li Triq St. Rocco hi wahda b'zewg karreggiati ghat-traffiku li jimxi f'direzzjoni opposti;

Illi ghalhekk jirrizulta li l-vettura tal-konvenut spiccat f’karreggiata li mhux suppost li kienet fih;

Ghaldaqstant wara li ezaminat il-fatti kollha esposti quddiemha din il-qorti tiddeciedi li:

1. Tiddikjara li l-konvenut George Mario Azzopardi kien unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku in dizamina;

2. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta’ attrici nomine jammonta komplessivament ghall-tlett mija u tlieta u hamsin Lira Maltin u erba’ u erbghin centezmu, (LM353.44,0);

3. Tikkundanna lill-konvenut George Mario Azzopardi jhallas l-ammont ta’ tlett mija u tlieta u hamsin Lira Maltin u erba’ u erbghin centezmu, (LM353.44,0), hekk likwidat lis-socjeta’ attrici nomine, bl-ispejjez u imghaxijiet skond il-ligi sa mid-data ta’ l-ittra ufficjali tat-8 ta’ Mejju tas-sena 2000.”

Minn din is-sentenza appella l-konvenut fuq l-assunt li l-ewwel Qorti ma immotivatx sew id-decizjoni taghha u naqset li tikkonsidra bir-reqqa dovuta l-fattezzi kollha tal-kaz. Inter alia, u senjatament l-konfigurazzjoni u l-kondizzjonijiet tat-toroq, il-mod impreciz tal-preparazzjoni tal-iskizz, l-ispjega fornita mill-appellanti u fatturi ohra konkomitanti ghal kaz.

Issa mill-provi rakkolti jistghu jigu individwati s-segwenti punti saljenti ghar-rizoluzzjoni tal-kaz:-

(i) L-attur (fol 12) kien qed isuq fi Triq id-Dura, triq din principali skond l-attur li ma fiha l-ebda ‘stop signs’. Huwa ried imur fi Triq l-Imsiebah. Biex jaghmel dan htieglu jitraversa Triq Santu Rokku.

(ii) Huwa jghid li hares lejn il-lemin u ma ra lil hadd imma waqt li kien miexi osserva karozza gejja b’velocita` minn Triq Santu Rokku. Huwa waqaf. L-iehor applika l-‘brake’ izda baqa’ gej ghal fuqu. A tempo debito, minn

dak dikjarat minnu fir-rapport tal-Pulizija (fol 15), il-vettura l-ohra giet minn fuq ix-xellug tieghu.

(iii) Jirrizulta li l-konvenut kien ghaddej minn Triq Santu Rokku li hi triq “two way”. PS Ronnie Azzopardi (fol 18) ma gharafx jispjega kif il-car tal-konvenut kienet fuq in-naha tal-lemin ta’ din it-triq meta invece kellha tkun fuq in-naha tax-xellug. Din l-ispjega jipprovdiha l-konvenut (fol 4) li jghid li meta ra l-car tal-attur gejja ghal fuqu ghafas il-brake u gibed ftit in-naha tal-lemin tieghu biex jevitaha. Jghid ukoll li minhabba li kienet ghamlet ix-xita l-vettura tieghu skiddjat u fit-triq kien hemm hafna tajn.

(iv) Il-konvenut stqarr ukoll illi Triq Santu Rokku kienet mimlija hofor u fi stat malandat. Minhabba f’hekk huwa jeskludi li kien qed isuq b’velocita`.

(v) In-nisa rispettivi tal-kontendenti jikkonkordaw il-versjoni ta’ zwieghom. Ara deposizzjoni ta’ Josephine Camilleri (fol 31) u l-Affidavit ta’ Brigide Azzopardi.

(vi) Il-konvenut jikkontesta l-iskizz tal-Pulizija ghal dik li hi l-konfigurazzjoni ezatta tat-toroq. Effettivament meta rega’ gie rikjamat biex jixhed, P.S. Ronnie Azzopardi (fol 48) jaccetta li l-kantuniera leminja ta’ Triq Santu Rokku hi pjuttost itwal mill-faccata taghha fuq ix-xellug. Nonostante li dan ix-xhud jirrikonoxxi li l-isketch mhux preciz eppure skond hu l-posizzjoni tal-vetturi u l-qisien li ha huma tajbin.

Jinkombi fuq il-Qorti li minn dawn il-provi tikkreja d-dinamika tal-incident.

Ghandu jkun prezunt, konsiderata t-topografija tat-triq, illi l-assigurat tas-socjeta’ attrici htieglu in assenza ta’ ‘stop sign’, jesplora sewwa t-triq qabel ma jittraversaha, u li l-manuvra tat-traversement mibdija minnu seta’ jkompliha u jtemmha bla xkiel. Kien jinkombi fuqu ghalhekk li mhux biss ihares fuq il-lemin tieghu izda wkoll fuq ix-xellug. Obbligu dan li skond il-versjoni tieghu ma jidherx li ottempera ruhu ghal kollox mieghu billi hu naqas li jhares fuq ix-xellug tieghu. Jew ghamel dan meta kien tard wisq. Ghal dan in-nuqqas jista’ jinghad li holoq ostakolu inaspettat lill-konvenut li kien gej isuq proprju mix-xellug tieghu.

Minn naha l-ohra l-grad ta’ responsabilita` fuq il-konvenut kien ferm oghla minn dik tad-driver assigurat tas-socjeta’ attrici. L-istat hazin fit-triq li kien ghaddej minnha, ic-cirkostanza tax-xita u tat-tajn fit-triq, u rapporti ohra kontingenti kellhom certament jikkondizzjonaw is-sewqan tieghu b’tali mod li jkun in grad li jirregola l-istess sewqan skond il-kondizzjonijiet u c-cirkostanzi li kien jinsab fihom f’dak il-mument.

Il-fatti juru, fil-fehma konsiderata ta’ din il-Qorti, illi l-konvenut kien qed isuq b’certa’ velocita`. Anke kieku kellha din ma titqiesx eccessiva eppure ma kellux il-kontroll shih tal-vettura tant li meta applika l-brake xorta wahda l-istat mxarrab tal-art ma ppermettilux jarresta l-vettura tempestivament. Li kieku verament kien qed isuq bil-mod anke tenut rigward tal-istat tal-art, u kien ukoll qed izomm “a reasonable careful look out” ma kienx ikollu ghalfejn jigbed lejn il-lemin tieghu bil-konsegwenza li gie fuq in-naha l-hazina tat-triq. Il-fatt tal-iskiddjar kombaccjat mat-tul tal-brake marks huwa ndikattiv hafna li ma tistax titwemmen il-versjoni tieghu li kien tabilhaqq qed isuq “normali”. Espressjoni din uzata mill-istess konvenut u difficli li l-Qorti tapprezzaha oggettivament meta ma ghandha l-ebda hjiel minn xi spjega mill-provi dwar dak li l-konvenut iqis bhala sewqan normali.

Il-konvenut, fil-verita’, jittanta jsib skuzanti ghat-tezi tieghu tal-mod tas-sewqan mill-fatt li l-istat hazin tat-triq li minnha kien qed isuq ma kienetx tippermettilu isuq b’velocita`.

Issa huwa minnu li f’xi decizjonijiet antiki jinghad li “*il regolamento di Polizia che impone di tenere il lato sinistro non lo fa in modo assoluto, ma tiene conto delle necessita` che possono impedire la rigorosa osservanza di quel precetto*” (“**Schembri –vs- Simpson**”, Qorti ta’ l-Appell, 8 ta’ Gunju 1925, inedita). Bhala ezemplari jissemma l-kaz fejn it-toroq jimtlew il-hofor biz-zrar pero’ t-triq ma tkunx ghadha giet asfaltata. Ma’ dawn jistghu jizdiedu l-hofor, gandotti, jew ostakoli ohra li jikkostringu lis-sewwieqa ma josservawx in-naha regolamentari tat-triq.

Naturalment dik l-istess Qorti, ghalkemm irrikonoxxiet din id-devjazzjoni minhabba l-istat ta' necessita` ma naqsetx milli tikkwalifika din il-"legittimita`" u n-nuqqas ta' kolpa ghal dan l-istat ta' fatt jekk is-sewwieq "*usa la debita diligenza nel manovrare la sua vettura per impedire la collisione*" ("**Giuseppe Attard –vs- Peter Mayor**", Appell Civili, 30 ta' Ottubru 1925).

Fil-kaz de quo, anke jekk kien jitratta minn ostakolu konsimili, ma jidherx li l-konvenut jista' jikkampa t-tezi tieghu, ghal dak li hu sewqan u gbid fuq il-lemin tat-triq, ghal din ir-raguni.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' in parte l-appell tal-konvenut billi tirritjeni li s-sewwieq Aronne Camilleri kien ukoll ikkontribwixxa ghal kollizjoni. Tiffissa l-proporzjon tar-responsabilita` kwantu ghal terz ($^{1}/_{3}$) fuq dan is-sewwieq u kwantu ghal zewg terzi ($^{2}/_{3}$) fuq il-konvenut. Konsegwentement tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' mitejn hamsa u tletin lira Maltija tnejn u sittin centezmu (Lm235.62,0) bl-interessi mid-data tal-ittra ufficjali (8 ta' Mejju 2000).

L-ispejjez taz-zewg istanzi jithallsu skond l-istess proporzjon ta' responsabilita`.

--------------------------------TMIEM--------------------------------